Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 315/2014

**Gasan Mamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Philip Cassar u l-istess Philip Cassar**

**vs**

**Michael Sammut u Joseph Cardona**

4 ta' Mejju, 2018.

1. Rat li dan il-kaz jitratta talba tal-atturi ghall-hlas tas-somma ta' €1567.52, in kwantu ghas-somma ta' €1217.52 lis-socjetà attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta' €350.00 lill-attur Philip Cassar, rapprezentanti danni li sofrew meta fil-15 t'Awwissu, 2013, gewwa garaxx fi Triq San Pawl, f'San Pawl il-Bahar, il-konvenuti jew min minnhom, waqt glieda kkawzaw hsarat fuq il-vetturi VWR-500 u FIL-600, proprjetà ta' Philip Cassar.

2. Permezz ta' sentenza tal-24 ta' Settembru, 2015, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar:

(i) cahad l-eccezzjoni tal-konvenut Cardona dwar in-nuqqas ta' kompetenza tieghu *rationae materiae;*

(ii) laqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimat Cardona u konsegwentement cahad it-talba tal-atturi fil-konfront tieghu;

(iii) cahad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut Michael Sammut u

(iv) laqa' t-talba tal-atturi; u

(v) ikkundanna lill-konvenut Michael Sammut ihallas lill-atturi s-somma ta' €1567.52c bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mill-25 ta'

Frar, 2013, data ta' l-ittra ufficjali imsemmija fit-talba, sad-data tal-hlas effettiv. Bl-ispejjez, kollha a karigu tal-konvenut Michael Sammut.

3. Michael Sammut appella minn dik is-sentenza u lmenta minn apprezzament zbaljat tal-provi u ta erba' ragunijiet:

I. Il-fatt li r-rapport maghmul minn Philip Cassar fir-rigward tal-hsarat li garrab fil-vettura tieghu ma ttellax l-ufficjal tal-Pulizija PC188 Luke Camilleri sabiex jikkonfermah bil-gurament u ghalkemm ittella' s-Surgent 1300 Julian Fenech, dan ma kienx l-ufficjal li ghamel ir-rapport. Dan apparti li jsemmi hsara fuq vettura wahda biss.

II. Il-konvenuti xehedu b'mod konsistenti. Huma qalu li l-glieda saret bejn ix-xatba tal-entratura ghall-garaxx u l-lift u li kien hemm distanza ta' madwar hamsa u hamsin pied mill-karozzi ta' Philip Cassar. Jilmentaw li t-Tribunal xehet dubju fuq il-veracità tax-xhieda taghhom peress li kienu xorbu qabel ma sehh l-incident. Jishqu li kien jispetta lill-attur sabiex jipprova li ghamlu hsara fuq il-vetturi tieghu. Meta ghamlu stqarrija *a tempo vergine*, qatt ma semmew li laqtu xi vetturi ta' Philip Cassar, lanqas il-Pulizija ma semmew xejn.

III. Philip Cassar ma kienx konsistenti fix-xhieda tieghu peress li biddel il-verzjoni tieghu tliet darbiet dwar kif sar jaf li sehh l-incident bejn iz-zewg konvenuti u dwar meta mar jaghmel ir-rapport lill-pulizija. Inoltrè ghalkemm Philip Cassar jghid li ha r-ritratti tal-vetturi tieghu bid-demm u li ghadda dawn ir-ritratti lill-pulizija, dawn ma gewx ezibiti. Jishaq li tali ritratti kienu fundamentali sabiex jigi stabbilit li kienu tassew il-konvenuti li laqtu l-imsemmija vetturi, peress li prova cara li l-vetturi ntlaqtu mill-konvenuti ma hemmx, kif lanqas ma jirrizulta car li l-grif li kien hemm fuq il-vetturi ta' Cassar kienu rizultat tal-glieda li sehhet bejn il-konvenuti. L-appellant jilmenta wkoll li s-somma totali ta' danni kienet pjuttost sostanzjali u ghalhekk lanqas huwa kompatibbli mal-grif u l-ghefiesi li rrizultaw u lanqas ittellghu xhieda sabiex jikkonfermaw il-kontijiet tat-tiswija.

IV. Fl-ahhar l-appellant jissottometti li l-argument tat-Tribunal li r-responsabilità kellu jwiegeb ghaliha huwa biss peress li jidher li l-konvenut l-iehor Joseph

Cardona kien il-vittma, huwa bla bazi u jmur kontra l-principju tal-ekwità, peress li kienu z-zewg konvenuti li ppartecipaw fl-argument u kienu t-tnejn involuti fil-glieda. Ghalhekk l-appellant jistieden lil din il-Qorti sabiex jekk tasal ghall-konkluzjoni li l-vetturi tal-attur Philip Cassar garrbu hsara kawza ta' din il-glieda, hija ghandha ssib liz-zewg konvenuti f'daqqa responsabbli ghal tali incident u mhux wiehed minnhom, kif deciz mit-Tribunal.

4. L-atturi wiegbu li s-sentenza hi ekwa u gusta u timmerita konferma (i) in kwantu ghandhom dritt ghal risarciment tad-danni sofferti konsegwenza tal-incident li sehh fil-15 t'Awwissu, 2013, gewwa San Pawl il-Bahar u (ii) in kwantu llikwidat id-danni sofferti fis-somma ta' €1567.52, oltrè ghall-imghaxijiet u ghall-ispejjez gudizzjarji. Ghall-bqija jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti, b'dan illi m'ghandhom jehlu ebda spejjez peress li meta giet intavolata l-kawza ma kellhom ebda hjiel min kien responsabbli ghall-hsara mgarrba, konsegwenza tal-glieda li kien hemm fil-garaxx tal-fond residenzjali "Belvedere Residence", Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar.

5. L-appellat Joseph Cardona ma wegibx.

6. Id-difensuri tal-partijiet kollha dehru quddiem il-Qorti fis-16 ta' Marzu, 2018 u saret trattazzjoni.

7. Il-Qorti rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

8. L-appell hu principalment kritika ghall-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal ghal Talbiet Zghar. Din il-qorti ma tiddisturbax facilment ir-ragunament li jkun sar dwar provi fl-ewwel stadju, sakemm ma jkunx hemm ragunijiet validi u serji bizzejjed. Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Isabelle Borg et vs Robert Galea et** deciza mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-3 ta' Marzu, 2011:

*"Huwa appena necessarju li tigi mfakkra l-gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti in materja fis-sens li hija ma tiddisturbax l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha jekk mhux ghal ragunijiet validi wara li din il-Qorti tkun ezaminat il-provi u l-ligi applikabbli u tikkonkludi li* ***l-ewwel Qorti ma setghetx legalment jew ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha****".*

9. Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel ilment, il-proceduri in ezami huma ta' natura civili li jitrattaw talba ghall-hlas ta' danni, fejn il-piz tal-prova hu fuq l-atturi, li fuq bilan ta' probabbilta ghandhom jaghtu prova tar-rabta bejn l-incident u d-danni konsegwenzjali. Il-qorti tfakkar li t-Tribunal m'huwiex marbut bil-principju tal-ahjar prova (artikolu 9(2)(b) tal-Kap. 380). L-appellant ma semmiex li r-rapport kien ipprezentat mis-surgent 1300 Julian Fenech (Dok.JF1)[1], li kien involut fl-investigazzjoni. Ir-rapport fih mhux biss l-episodju tal-glieda li grat fil-15 t'Awwissu 2013, izda jsemmi wkolll ir-rapport li sar minn Philip Cassar jumejn wara l-incident. Is-surgent bil-gurament spjega li ghalkemm ma kienx l-ufficjal tal-pulizija li rcieva r-rapport ta' Philip Cassar, it-tieni rapport sar lilu peress li kien qieghed jinvestiga l-kaz. Ghalkemm ir-rapport tal-pulizija tas-17 ta' Awwissu, 2013[2], isemmi vettura wahda, fl-ahhar tal-istess rapport issir referenza ghar-rapport l-iehor (tal-15 t'Awwissu, 2013) meta jinghad "Please vide PIRS: 9/v/3735/2013)". Din ir-referenza hija proprju dik li tirrizulta mir-rapport esebit bhala Dok. JF1, li incidentalment fih jinkludi referenza ghall-hsara li saret fiz-zewg vetturi ta' Philip Cassar. Kwindi l-ewwel argument tal-appellant ma jregix.

10. Hu minnu li l-konvenut xehdu fis-sens li l-glieda ma saritx hdejn il-vetturi pparkjati ta' Cassar, izda fil-parti ta' quddiem tal-garaxx. Jirrizulta li l-vetturi kienu pparkjati fuq il-parti ta' wara tal-garaxx. Madankollu, b'daqshekk it-Tribunal ma kellux bilfors jemmen lill-konvenuti meta tqies:
    i. Iz-zewg vetturi kellhom hsara;
    ii. Mill-provi ma jirrizultax li seta' kien hemm xi raguni ohra kif saret il-hsara fuq il-vetturi;

[1] Esebit a fol. 42 tal-process.
[2] Esebit a fol. 32 tal-process

iii. Fir-rapport tal-pulizija jissemma li fil-garaxx kien hemm apparat relatat mad-*diving* imxerred mal-art. Hu evidenti li waqt il-glieda twaddbu wkoll oggetti;

iv. Philip Cassar qal li mal-vettura tieghu sab ticpis tad-demm.

v. Joseph Cardona xehed li kien kien offra lil Cassar sabiex il-konvenut l-iehor isewwilu l-hsara fil-vettura bl-uzu tal-prodott *T-Cut*. Ghalkemm xehed li ghamel l-offerta ghaliex ighixu fl-istess blokk u ried izomm il-paci mal-gar, it-Tribunal ma kellux bilfors jemmen li dik kienet ir-raguni ghalfejn saret l-offerta. Sammut xehed li *"fl-ebda hin ma ersaqt lejn il-vetturi tar-rikorrenti Philip Cassar u ghalhekk ma stajtx nifhem kfi setghu dawn iccapsu bid-demm jew garrbu xi hsara"*. Jekk hu hekk probabbilment ma kienux joffru li jsewwu l-hsara. Min-naha tieghu l-appellant accetta li jsewwi.

11. It-tielet aggravju hu li Philip Cassar ma kienx konsistenti fix-xhieda tieghu dwar kif sar jaf li sehh l-incident. Fir-rapport tal-pulizija ma jissemmiex kif Cassar sar jaf b'dak li kien gara. Quddiem it-Tribunal irrakkonta kif nizel fil-garaxx u meta mar hdejn il-karozzi sab il-hsara. Zied li kien hemm prezenti Cardona u staqsieh kellux xi taghrif. Cardona wiegbu li kien gara incident u biex imur l-ghassa u jaghmel rapport dwar il-hsara li sab. Meta xehed fil-proceduri kriminali (seduta tal-25 ta' Novembru, 2013) qal li martu kienet qrat li sehh incident f'San Pawl il-Bahar u *"nzilt nara x'gara fil-garaxx"*. Irrispettivament kif sar jaf bl-incident li kien sehh fil-garaxx, b'daqshekk ma jfissirx li Cassar m'huwiex xhud kredibbli. Il-qorti tqies li dak 'il fatt ma kienx krucjali ghall-ezitu tal-kawza. Li fil-garaxx kien hemm glieda bejn il-konvenuti u kien hemm il-vetturi ta' Cassar, huma fatti.

12. Ghalkemm l-appellant isostni li l-ammont ta' danni mitlub hu eccessiv ghal ftit grif u ghafsiet, il-qorti ma taqbilx. L-atturi pprezentaw *survey reports* u ricevuti li jissostanzjaw id-danni. Xehed ukoll is-*surveryor* David Mifsud li ra l-vetturi u ghamel is-*survey reports*.

13. Ghal dak li jirrigwarda r-raba' aggravju, iz-zewg konvenuti kienu nvoluti fl-incident. It-Tribunal qal li Sammut ghandu jwiegeb ghall-hsara ghaliex *"... jidher li f'dan l-incident l-intimat Cardona kien il-vittma tant li lanqas proceduri kriminali ma kienu ttiehdu kontrih"*. M'huwiex maghruf min mill-konvenuti ikkaguna l-hsara fuq il-vetturi tal-attur. It-Tribunal ikkonkluda li kien l-appellant li aggredixxa lil Cardona, minghajr ma qal kif wasal ghal dik il-konkluzjoni. Min-naha l-ohra Cardona xehed, *"L-ewwel daqqa tahieli l-intimat Sammut jiena ddefendejt ruhi u tajtu lura wkoll"*. L-appellant xehed, *"Kien l-intimat Cardona li xarrabli l-ewwel daqqa jiena lqajt pero mbaghad tajt"*. Mhemmx prova li l-pulizija hadu proceduri kriminali kontra Cardona. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li Cardona ma ggilidx ukoll. Fil-proceduri kriminali l-qorti kkonkludiet li, *"kien l-imputat vittma ta' aggressjoni li ghaliha, pero' irritalja b'certa forza li ma kinitx ezattament proporzjonata"*. Jidher li z-zewg konvenuti kienu responsabbli ghall-akkadut. Fic-cirkostanzi t-tnejn li huma ghandhom iwiegbu ghal dak li gara b'mod solidali gialadarba m'huwiex possibbli li wiehed jikkonkludi l-hsara li kull wiehed minnhom ikkaguna.

**Ghal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li jinghad hawn fuq tilqa' parzjalment l-appell, u tvarja s-sentenza tal-24 ta' Settembru, 2015 tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar fis-sens li tichad it-tieni eccezzjoni ta' Cardona u tiddikjara li hu responsabbli wkoll ghall-incident meritu tal-kawza. Ghaldaqstant tikkundanna lill-konvenut Cardona sabiex solidalment mal-konvenut l-iehor ihallas lill-attur is-somma ta' elf hames mija u sebgha u sittin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€1,567.52), bl-imghax mill-25 ta' Frar, 2013. Ghall-kumplament tichad l-appell.**

**Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenuti.**

Anthony Ellul.